**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Mejju 2018**

**Talba Nru: 133/16 CZ**

**Martin Dimech (ID 538853 (M)**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur imressqa fit-12 t'April 2016 li permezz taghha premetta:

Illi l-intimat kien eleva minghand ir-rikorrent is-somma ta' disa' mija u hames Euro (€905) fi flus kontanti, liema somma kienet propjeta' tar-rikorrent. L-intimat zamm l-

istess somma flus fil-pussss tieghu pendenti investigazzjoni li tmexxiet mill-Ispettur Melvyn Camilleri fit-2 ta' Lulju 2010 fil-konfront ta' l-attur, u li wasslet ghall-eventwali proceduri gudizzjarji.

Illi din l-investigazzjoni issa ilha mitmuma b'mod definittiv u s-sentenza li nghatat illum hija *res judicata*. Ma gietx ordnata l-konfiska ta' din is-somma flus.

Illi wara li ntemmew il-proceduri gudizzjarji surriferiti, l-intimat qabel li jirrifondi din is-somma lir-rkorrent, izda minkejja dan sal-lum baqa' ma rrifondiex din is-somma, billi qed jghid li din is-somma flus insterqet mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija minn membru tat-*team* investigattiv fl-investigazzjoni surriferita.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi l-attur ghalhekk talab lit-Tribunal sabiex:

1. Jiddikjara illi l-intimat ghandu jirrifondi/ihallas lir-rikorrent is-somma ta' disa' mija u hames Euro (€905);
2. Jikkundanna lill-intimat sabiex jirrifondi/ihallas lir-rikorrent is-somma ta' disa' mija u hames Euro (€905) kif hawn fuq spjegat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt in subizzjoni, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali intavolata ai termini ta' [l-artikolu] 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 18 ta' Jannar 2016 (Dok. A), ghal liema l-intimat ipprezenta risposta (Dok. B), u bl-imghaxijiet.

Illi permezz ta' risposta prezentata fil-5 ta' Mejju 2016, il-konvenut eccepixxa s-segwenti:

**(I)** Illi in linea preliminari, dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux il-kompetenza sabiex jiddetermina l-azzjoni odjerna stante li din l-azzjoni tezorbita mill-mansjonijiet tieghu peress li din hija kwistjoni li taqa taht il-kompetenza tal-Qrati Kriminali. Fil-fatt, jidher li l-attur ma utilizzax ir-rimedju li kien disponibbli ghalih stante li m'ghamel ebda talba ai termini tal-Artikolu 675(4) tal-Kap 9 fil-proceduri kriminali li kienu gew istitwiti fil-konfront tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Gudikatura Kriminali) koncernata; liema proceduri saru res judicata bid-decizjoni tal-istess Qorti datata 24 ta' Novembru, 2011;

**(II)** Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ukoll, l-esponent jirrileva li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija mhux il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni odjerna ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12, u konsegwentement ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

**(III)** Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjoni u l-pretensjoni tal-attur fil-konfront tal-esponent konvenut hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif se jigi ippruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza u ghandha tigi michuda in kwantu insostenibbli ghar-ragunijiet segwenti, li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghas-suespost:

(i) Illi l-esponent intimat jopponi t-talba kif avvanzata fil-kawza odjerna fil-konfront tieghu bhala insostenibbli stante li l-Kummissarju tal-Pulizija tramite l-Ufficcjali tal-Pulizija koncernati svolgew l-investigazzjoni u l-Prosekuzzjoni tal-proceduri kriminali fil-konfront tal-attur Martin Dimech skont il-ligi u dejjem agixxew fil-parametri tal-ligi;

(ii) Illi l-esponent intimat jirribatti li mhux responsabbli ghal xi allegati danni u fi kwalunkwe kaz, l-attur irid jipprova n-ness bejn id-danni li allegatament sofra u xi agir tal-konvenut li mhux skont il-ligi;

(iii) Illi l-esponent jirrileva ukoll li fil-proceduri kriminali, l-esebizzjoni ta' oggett tista issir kemm materjalment kif ukoll formalment u f'dan il-kaz jirrizulta li saret formalment permezz ta'

ircevuta fl-ammont ta' (€905) disa mija u hames Ewro; liema ircevuta hija ezebita formalment fl-atti tal-imsemmija proceduri kriminali;

(iv) Illi l-esponent jirribatti li mill-imsemmija decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Gudikatura Kriminali) deciza fl-24 ta' Novembru, 2014 jirrizulta li kien hemm ammissjoni da parte tal-attur fil-konfront tal-akkuzi kif migjuba kontrih u l-Qorti koncernata ikkundannatu li jhallas multa ta' (€240) mitejn u erbghin Ewro. Inoltre, minn imkien ma jirrizlta mill-imsemmija decizjoni li l-Qorti ordnat ir-rilaxx tal-imsemmi ammont li kien gie elevat minn fuq l-attur meta gie arrestat mill-Pulizija qabel ma tressaq quddiem il-Qorti b'akkuzi ta' lottu klandestin taht l-Kap 70 u 438 tal-Ligijiet ta' Malta; f'liema kaz il-konfiska hi tassattiva f'kaz ta' sejbien ta' htija, bhal fil-kaz odjern;

v) Illi l-esponent jirribatti li mhux minnu li wara li ntemmew il-proceduri kriminali, li l-intimat qabel li jirrifondi l-ammont in kwistjoni;

(vi) Illi ghar-ragunijiet fuq esposti, fi kwalunkwe kaz, fic-cirkostanzi odjerni t-talba kif dedotta fil-kawza odjerna mhix attribwibbli ghal xi nuqqas da parte tal-esponent li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett sabiex ihallas xi allegati danni u/jew li jhallas l-ispejjez gudizzjari tal-istanti peress li mhux minnu li l-Kummissarju tal-Pulizija hu responsabbli ghall-hlas ta' (€905) disa mija u hames Ewro; anke tenut kont tal-fatt li ma jidhirx li wara l-proceduri kriminali li ittiehdu fil-konfront tieghu, l-attur Dimech intavola xi talba fi zmien xahar minn meta l-imsemmija decizjoni saret res judicata, ai termini tal-Artikolu 675(4) tal-Kap 9 u ghalhekk l-istess ammont hu illum konfiskat;

(vii) Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jichad it-talba kif dedotta fil-kawza odjerna; bl-ispejjez kontra l-attur;

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra illi permezz ta' sentenza in parte tat-23 ta' Frar 2017 incahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Sema' x-xiehda ta' Dr. Elizabeth Quintano (fol. 18 et seq, fol. 21, fol. 33 et seq, u fol. 55), ta' l-Ispettur Melvin Camilleri (fol. 51 et seq. u fol. 62), ta' l-attur (fol. 73 et seq.), affidavit ta' l-Ispettur Melvin Camilleri (fol. 78), u l-attur (fol. 83).

Ra n-noti ta' sottomissjonijet prezentati mill-partijiet;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob rifuzjoni tas-somma ta' disa' mija u hames Euro (€905) li kienu gew elevati minn fuq persuntu jew mill-karozza tieghu mill-Pulizija in konnessjoni ma' loghob tal-lottu klandestin.

Illi jirrizulta illi dwar dan l-incident gew istitwiti proceduri kriminali kontra l-attur, u giet esebita mill-Prosekuzzjoni ricevuta ta' l-oggetti elevati (fol. 12 tal-process).

Illi l-flus elevati fil-frattemp insterqu mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija u in konnessjoni ma' dan kienu gew istitwiti proceduri kriminali kontra s-Surgent 656 Adrian Lia.

Illi l-attur ammetta l-akkuzi migjuba kontrieh u nghata sentenza fl-24 ta' Novembru 2014 li permezz taghha l-Qorti tal-Magistrati (Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) ikkundannatu jhallas multa komplessiva ta' mitejn u erbghin Euro (€240) izda ma

ppronunzjatx ruhha bl-ebda mod dwar iz-zamma jew ir-rilaxx tal-flus li ghalihom kienet taghmel referenza r-ricevuta esebita.

Illi l-konvenut qieghed issa jsostni illi ladarba l-attur ma pprevalixiex ruhu mill-procedura mahsuba f'Artikolu 675 (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dawn il-flus gew illum konfiskati. Dan is-sub-artikolu huwa s-segwenti:

> (4) Meta f'xi sentenza finali ta' xi qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali ma jsir ebda provvediment dwar x'għandu jsir mill-oġġetti li jkunu ġew esibiti fil-proċeduri u ma ssir ebda talba għar-rilaxx ta' dawk l-oġġetti fi żmien xahar mid-data ta' dik is-sentenza, dawk l-oġġetti, sakemm ma jkunux ġew konfiskati bis-saħħa tal-provvedimenti tal-artikolu 23 jew ta' kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, għandhom jiġu kkonfiskati u l-qorti għandha, fuq rikors tar-reġistratur u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (5), tordna r-rilaxx ta' dawk l-oġġetti favur il-Gvern ta' Malta.

Illi rrizulta wkoll izda li r-Registratur m'ghamel l-ebda rikors ghar-rilaxx ta' dawn il-flus favur il-Gvern ta' Malta.

Illi l-attur fil-fatt qed isostni li l-flus qatt m'ghaddew f'idejn ir-Registratur ai termini ta' l-artikolu 667 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan apparti li l-Qorti tal-Magistrati imkien ma qalet illi l-imsemmija flus ghandhom jigu konfiskati. L-attur sostna ghalhekk illi talba ai termini ta' l-Artikolu 675 (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma setghet qatt issir

Illi filwaqt li l-attur isostni illi l-prosekuzzjoni kienet weghditu illi ha jinghata l-flus lura, l-Ispettur Melvyn Camilleri min-naha l-ohra cahad ghal kollox li hu qatt wieghed li kien ha jaghti lura l-flus li kienu gew esebiti formalment fil-kawza kriminali.

Illi l-qofol ta' l-argument ta' l-attur huwa li huwa ma setax jaghmel rikors ai termini ta' l-Artikolu 675 (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaliex il-flus ma kinux gew esebiti materjalment, u allura ma kienx hemm oggett li fuqu r-rikors seta' jigi prezentat.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut insista fuq it-tieni eccezzjoni tieghu, u cioe' dik illi huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni odjerna ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12, u konsegwentement ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Illi qabel xejn, ghalhekk it-Tribunal irid jistharreg din l-eccezzjoni. Fuq dan il-punt, filwaqt li l-attur qed jinsisti illi l-flus in kwestjoni ma gewx esebiti, u allura ma sarx dak ravvizat fl-Artikolu 667 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-konvenut min-naha l-ohra qed jirribatti billi jissottometti illi l-flus in kwestjoni gew esebiti formalment. It-Tribunal jinnota illi esebizzjoni formali ta' oggetti hija permessibbli u ghaldaqstant ma jistax jinghad illi l-oggett (jew flus, f'dan il-kaz), ma kienx esebit skond il-ligi. In sostenn ta' dan, hemm anke s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs. Noel Farrugia*, li nghatat fit-3 ta' Frar 1995, fejn gie dikjarat illi:

> Mhumiex ta' ostakolu ghall-esebizzjoni formali ta' oggett taht l-awtorita' tal-Qorti l-fatt li dak l-oggett ma jkunx fil-pussess materjali ta' min qieghed jesebieh, purche' tali oggett jigi identifikat a sodisfazzjon tal-Qorti bhala l-istess oggett elevat.

Illi minn dan kollu jirrizulta illi l-esibizzjoni tal-flus in kwestjoni matul il-proceduri kriminali saret, anke jekk ma kinux esebiti l-flus fizici. F'dan il-punt, ghalhekk, l-oggett in kwestjoni ma baqax taht it-tutela tal-konvenut, izda taht dik tar-Registratur. Il-konvenut ghalhekk mhuwiex il-kap tad-dipartiment tal-gvern li huwa inkarigat mill-materja in kwestjoni skond l-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi in vista tas-suespost, it-Tribunal jiddikjara illi t-tieni eccezzjoni tal-konvenut ghandha tirnexxi, u ghaldaqstant ghandu jinheles mill-osservanza tal-gudizzju. Isegwi ghalhekk ukoll illi jkun ezercizzju inutli li t-Tribunal jiehu konjizzjoni tal-bqija tal-mertu u ta' l-eccezzjonijiet.

**Ghaldaqstant it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut u qieghed jehilsu mill-harsien ta' dan il-gudizzju. In vista ta' dan, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-eccezzjonijiet l-ohra kollha minnu mqanqla fir-risposta tieghu. L-ispejjez relattivi ghas-sentenza in parte tat-23 ta' Frar 2017 ghandhom jigu sopportati mill-konvenut, filwaqt li l-bqija ta' l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attur.**

**Avukat Dr. Claudio Zammit**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu'**
**Deputat Registratur**